

TRIBUNAL DE CUENTAS EUROPEO

EVROPSKÝ ÚČETNÍ DVŮR

DEN EUROPÆISKE REVISIONSRET

EUROPÄISCHER RECHNUNGSHOF

EUROOPA KONTROLLIKODA

ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΕΛΕΓΚΤΙΚΟ ΣΥΝΕΔΡΙΟ

EUROPEAN COURT OF AUDITORS

COUR DES COMPTES EUROPÉENNE



CORTE DEI CONTI EUROPEA

EIROPAS REVĪZIJAS PALĀTA

EUROPOS AUDITO RŪMAI

EURÓPAI SZÁMVEVŐSZÉK

IL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI

EUROPESE REKENKAMER

EUROPEJSKI TRYBUNAŁ OBRACHUNKOWY

TRIBUNAL DE CONTAS EUROPEU

EURÓPSKY DVOR AUDÍTOROV

EVROPSKO RAČUNSKO SODIŠČE

EUROOPAN  
TILINTARKASTUSTUOMIOISTUIN

EUROPEISKA REVISIONSRÄTTEN

**Rapport mill-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri  
dwar il-verifika ta' l-effiċjenza operattiva  
tat-tmexxija tal-Bank Ċentrali Ewropew  
għas-sena finanzjarja 2003**

**flimkien mar-risposti tal-Bank Ċentrali Ewropew**

1. Il-verifika tal-Qorti kienet ibbażata fuq l-Artikolu 27.2 tal-Protokol ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) anness mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea. Skond dan l-Artikolu, il-Qorti hija mqabbda biex teżamina "effiċjenza operattiva tat-tmexxija tal-BĊE".
2. Il-Qorti tagħżel oqsma differenti ta' tmexxija għall-eżaminazzjoni kull sena.
3. Il-verifika għall-2003 ittrattat dwar il-proċess ta' l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kredibilità tad-*data* ipproċessata mis-sistema ta' l-Infurmazzjoni Teknoloġika (IT) għall-finanzi u l-ġestjoni tal-kontabilità.
4. Id-dewmien biex jiġu implimentati proġetti jibqa' sinifikanti. Il-Qorti tinkoraġġixxi lill-BĊE biex jiffoka fuq ir-raġunijiet prinċipali għal dan id-dewmien, l-effetti tagħhom u l-passi li għandhom jittieħdu sabiex ma terġax tiġri darb' oħra. Trid tingħata attenzjoni aktar biex isir ippjanar tajjeb u ħarsien tar-riżorsi umani f'dan is-settur. Il-Qorti tinnota, madanakollu, li ħafna mid-dewmien inqala' matul perjodu ta' tkabbir rapidu tal-BĊE.
5. Għad- *data* ipproċessata mis-sistemi IT tal-finanzi u l-ġestjoni tal-kontijiet tal-BĊE, il-BĊE għandu jkompli bl-isforzi tiegħu biex jiddokumenta l-proċeduri tal-bidla tat-tmexxija. Dan ser iżżid ma' l-integrità tas-sistema.
6. B'mod ġenerali, mill-verifika nstab li l-proċeduri fuq il-post ħadmu adegwatament bi ftit titjeb meħtieġ. Il-BĊE diġa ddiskuta diversi kwistjonijiet u ttieħdu passi biex tiġi evitata r-rikorrenza tagħhom. It-titjeb li għad jista' jsir ġie nnotifikat fid-dettal lill-maniġment tal-BĊE.

Dan ir-rapport kien adottat mill-Qorti ta' l-Awdituri fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tas-16 ta' Settembru 2004.

*Għall-Qorti ta' l-Awdituri*

Juan Manuel Fabra Vallés  
*President*

**TWEĠIBA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
**GĦAR-RAPPORT TAL-QORTI EWROPEA TA' L-AWDITURI DWAR IL-VERIFIKA TA'**  
**L-EFFIĊJENZA OPERAZZJONALI TAT-TMEXXIJA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
**GĦAS-SENA FINANZJARJA 2003**

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) jilqa' r-rapport tal-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri għas-sena finanzjarja 2003 u jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-opinjoni tal-Qorti li tgħid li b'mod ġenerali, il-proċeduri attwali ħadmu b'mod xieraq.

Il-BĊE jieħu nota tas-suġġerimenti għal tiġib magħmula mill-Qorti u diġà beda ħidma biex jindirizza dawn is-suġġerimenti. Dwar l-implimentazzjoni ta' proġetti, il-BĊE jixtieq jirrimarka li, wara l-istabbiliment ta' l-infrastrutturi u l-applikazzjonijiet ċentrali meħtieġa biex jitnieda b'suċċess it-Tielet Stadju ta' l-UEM (EMU) u l-introduzzjoni ta' l-euro, il-BĊE iddeċieda li jirrevedi l-mod kif qed jingħataw is-servizzi tas-sistemi ta' l-informatika. Din ir-reviżjoni saret bil-ħsieb li ssir stima ta' l-organizzazzjoni, l-istruttura u l-effikaċja ta' l-għoti tas-servizzi tas-sistemi ta' l-informatika tal-BĊE u biex tingħata gwida dwar id-direzzjoni futura tagħha. Bħala riżultat tar-reviżjoni, ingħatat struttura ġdida ta' organizzazzjoni lid-Direttorat Ġenerali tas-Sistemi ta' l-Informatika tal-BĊE u saret bidla ta' fokus biex jitjiebu l-ħiliet u l-mod kif jinħadmu l-proġetti. Dwar is-sistema elettronika tal-BĊE għall-kontabilità finanzjarja u azjendali, il-BĊE jixtieq jirrimarka li, fost affarijiet oħra, id-dokumentazzjoni tal-proċeduri għall-amministrazzjoni tat-tibdil ġew finalizzati f'nofs l-2004.